MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-23 ta' April, 2004

Talba Numru. 997/2003

**Miller Distributors Limited**

**Vs**

**Melvin Mifsud**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta’ Mejju, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ disa’ mija u sitta u tletin lira Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm936.36) rappresentanti bilanc minn somma kabar rapprezentanti prezz ta’ diversi oggetti mibjughin u kkonsenjati lil-konvenut mis-socjeta attrici fuq inkarigu tal-konvenut stess.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’l-ittra ufficjali datata 18 ta’ Ottubru 2002 u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut, ingunt in subizzjoni.

Wara li ra n-nota ta’ riduzzjoniipprezentata mis-socjeta attrici fejn l-ammont miltub gie ridott ghas-somma ta’ tmien mija u tnejn u tletin lira Maltin u erba u sittin centezmu (Lm832.64) stante pagament fil-mori tal-kawza.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tas-26 ta’ Marzu 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ Lm832.64 (tmien mija u tnejn u tletin lira Maltin u erba’ u sittin centezmu).

L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------